Sarah Farrugia

vs

Fair Deal Furniture Ltd, u b'digriet datat 30 ta' Jannar 2024, l-okkju gie korrett ghal Low Cost Furniture Ltd

CCT 186/23/CC

Illum 9 t'April 2024

It-Tribunal;

Ra t-Talba tar-rikorrent ipprezentata fil-11 ta' Ottubru 2023, fejn talbet hlas ta' l-ammont ta' €1,375 (elf, tlett mija u hamsa u sebghin ewro) rapprezentanti ammont imhallas mir-rikorrenti ghal sufan li irrizulta ddannegjat.

Ra li s-socjeta intimata debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ipprezentat risposta relattiva, fejn opponiet ghat-talba dedotta fil-konfront taghha, u tat ir-ragunijiet ghal tali opposizzjoni.

Ra li fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2024 r-rikorrenti ddeponiet *viva voce* u pprodiciet diversi dokumenti u ritratti in sostenn tat-talba avvanzata minnha.

Sema' lil Arnold Vella jixhed fis-seduta tas-27 ta' Frar 2024, u fl-istess seduta l-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi, u awtorizzaw lit-Tribunal sabiex jaghddi ghas-sentenza.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi jirrizulta li r-rikorrenti xtrat sufan u kamra tas-sodda minghand is-socjeta intimata. Jirrizulta li l-konsenja ta' dawn l-oggetti saret fl-1 ta' Settembru 2023. Ir-rikorrenti kellha wkoll appuntament ghal installazzjoni fis-6 ta' Settembru 2023.

Illi jirrizulta li l-attrici hallset ghal installazzjoni tal-kcina u mhux ghal installazzjoni tas-sufan. Is-sufan gie ikkonsenjat u ippakjat fil-plastik.
Illi gara li fl-14 ta' Settembru 2023, u cioe diversi granet wara l-installazzjoni tal-kcina, ir-rikorrenti ilmentat mas-socjeta intimata li s-sufan kellu danni li ma kienetx taf bihom, u talbet rimedju.

Illi jirrizulta li r-rikorrenti ilmentat mas-socjeta intimata hdax- il gurnata wara l-konsenja tas-sufan, li gie ikkonsenjat u ippakjat fil-plastik. Illi s-socjeta intimata fl-isfond tal-premess qieghda tikkontesta t-talba avvanzata mir-rikorrentii, u dan partikolarment minhabba t-trapass taz-zmien, u l-facilita li l-istess rikorrenti kellha sabiex *a tempo vergine* tivverifika li s-sufan huwa ta' kwalita tajba. Illi r-rikorrenti da parti taghha ma tikkontestax il-fatt li l-ilment gie mressaq diversi granet wara.

Illi t-Tribunal ha konjizzjoni tax-xhieda avvanzata mir-rikorrenti fid-dawl tar-risposta tas-socjeta intimata, u tad-dokumenti u r-ritratti ezebiti fl-atti ta' dawn il-proceduri. Illi huwa evidentement car li r-rikorrenti ma haditx dawk il-mizuri appoziti sabiex fil-hin tal-konsenja tivverifika li l-oggetti mixtrija minnha huma ta' kwalita tajba. Inoltre, t-Tribunal jirrimarka ulterjorment li fid-data ta' l-installazzjoni tal-kcina, li kienet fis-6 ta' Settembru 2023, ir-rikorrenti ma ressqet l-ebda lment ma' l-impjegati tas-socjeta intimata dwar is-sufan, u kien biss fl-14 ta' Settembru 2023 li hija ressqet l-ilment. Fid-dawl tal-fatti hawn esposti, jirrizulta li t-talba avvanzata mir-rikorrenti ma hijiex gustifikata, u l-versjoni pprezentata mis-socjeta intimata hija kredibbli. Ghalhekk, l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta intimata fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, jimmeritaw konferma.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta intimata u jichad it-Talba avanzata mir-rikorrenti.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mir-rikorrenti.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru